MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 2454/1998/1

**Rikors numru 2454/98DM**

**Charles Schembri bhala direttur ghan-nom u fl-interess tas-socjeta attrici C & F Enterprises Limited kif debitament awtorizzat**

**Vs**

**John u Francesca konjugi Camilleri u b'digriet tas-16 ta' April 1999 gie kjamat in kawza lill-kumpanija Southcam Developments Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti w il-kjamati fil-kawza ghal hlas tas-somma ta' Lm540 cens bil-quddiem ghas-snin 1995, 1996, 1997, 1998 bir-rata ta' Lm135 kull sena, liema cens kien dovut in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor

Charles Mangion tat-22 ta' Gunju 1995, dokument A anness u liema cens ta' Lm135 kull sena huwa maqsum bil-mod segwenti: Lm20 fis-sena fuq terraced house mibnija fuq il-plot numru 8, Lm15 fis-sena fuq il-garage fl-upper basement level, Lm20 fuq il-maisonette mibnija fuq il-plot numru 7, Lm15 fuq garage iehor fl-upper basement level, Lm50 fuq is-showroom u Lm15 fuq garage iehor fl-upper basement level, b'kollox kif ahjar deskritt fil-kuntratt ta' bejgh fuq imsemmi.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull sena cens sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota tal-atturi pprezentata fit-18 ta' Mejju 2002 permezz ta' liema huwa ceda l-kawza fil-konfront biss tal-konvenuti filwaqt li zamm ferm it-talbiet tieghu fil-konfront tal-kjamati fil-kawza.

Semghet lil Charles Schembri bil-gurament;

Billi l-kjamati in kawza ma dehrux fis-seduta tal-llum u ma pproducewx ebda prova in kontestazzjoni tat-talba attrici u wara li semghet bil-gurament il-provi prodotti mill-kumpanija attrici u rat id-dokumenti esibiti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha ghalhekk tikkundanna lill-kjamati in kawza l-kumapnija Southcam Developments Limited sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' Lm540 (hames mija u erbghin lira Maltin ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data ta' kull skadenza ta' kull sena cens;

Bl-ispejjez kontra l-kjamati in kawza

Magt Dr D. Montebello BA Lld

Sandra Farrugia
Dep Reg Civ A

.